# IL-VERSI TA' RICHARD TAYLOR FUQ L-INĊIDENT TAL-KARNIVAL TAL-1846

Albert Ganado

**Fit-13 ta' Lulju 1843 Sir Patrick Stuart (1777–1855), li kien ġeneral tal-armata Ingliża, sar Gvernatur ta' Malta.[1] Meta wasal il-Karnival tal-1846, intalab bħas-soltu l-permess biex dan isir fl-erbat ijiem ta' qabel Ras ir-Randan, u biex f'dawk il-ġranet setgħu jintlibsu l-maskri. Fis-sena 1846 Stuart ordna li fil-jum tal-Ħadd ma setgħux jintlibsu l-maskri. B'hekk, il-Karnival tal-Ħadd ma setax isir, bi ksur ta' tradizzjoni popolari li kienet ilha ġejja minn żmien qadim.**

Il-poplu obda, iżda ma baxxiex rasu għal din in-novità. Beda jdur mat-toroq u jippassiġġa fil-pjazza ta' quddiem il-Palazz tal-Gvernatur b'ħafna annimali, fosthom ħmir u klieb, b'kostumi karnivaleski. Fl-istess pjazza kien hemm iduru nies bil-libsa ta' qassisin Protestanti, u bi ktieb oħxon f'idejhom bil-bixra ta' Bibbja. Xi wħud imbagħad niżlu ħdejn il-knisja tal-Ingliżi jagħmlu ħafna storbju waqt li kien hemm funzjoni reliġjuża. Kulħadd kien jaf li l-kap ta' dik il-knisja kien l-Isqof ta' Ġibiltà, ir-Reverendu George Tomlinson, li wara kien iżżewwwġ ma' waħda mill-bniet tal-Gvernatur.

## IL-POEŻIJA TA' RICAHRD TAYLOR

Il-protestanti Ingliżi kienu *strict Sabbatarians*, u għalihom il-Ħadd kienet ġurnata ta' mistrieħ. L-Isqof u l-Gvernatur kienu għalhekk ta' stoffa waħda, u bilfors li kellu kulħadd jaħseb li l-Isqof kien imdaħħal sew fl-ordni tal-Gvernatur. Aktar u aktar, kienet ħaġa kurjuża li Stuart ma' kien għamel xejn għal sentejn sħaħ – 1844 u 1845. Difatti, Richard Taylor, fil-librett li se niddeskrivu kiteb hekk:





*Min tac l' ordni o Patrick Stuart*
*Li tneħħilna dal costum?*
*X'int biex tichser it-trattati?*
*Chif tneħħilna trid dal jum?*

Taylor kien jaf li f'Malta kollha ma kien hemm ħadd aqwa mill-Gvernatur. Mela l-insinwazzjoni tiegħu setgħet tirreferi biss għall-Isqof Tomlinson.

Dejjem dakinhar tal-Ħadd, saret filgħaxija ritirata ta' reġiment Brittaniku fil-Pjazza tal-Palazz. Meta l-banda spiċċat iddoqq, gruppi ta' żgħażagħ għamlu għal xi suldati, u kissrulhom xi strumenti mużikali. Il-Gvernatur kien qed jara kollox mill-Palazz, u fis sejjaħ il-Pulizija li kienet taħt il-kmand ta' Frederick Sedley,[2] li kellu uffiċjalment it-titolu ta' Inspector of the Executive Police. Issejħu wkoll żewġ reġimenti bħala rinforz.

Xi għoxrin ruħ ġew arrestati u wara lejl fil-ħabs nġiebu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja (Sedi Kriminali), li kienet għadha taħdem fl-hekk imsejħa *Castellania* fi Strada Merkanti. Is-seduta kienet ippreseduta minn żewġ Maġistrati: l-Ingliż Charles Harper, u l-Malti Dottor Antonio Zammit.[3]

Ma setax jonqos li fuq dak li ġara jinkitbu ħafna versi satiriċi minn Richard Taylor, wieħed mill-aqwa kittieba Maltin tas-seklu dsatax, kontemporanju tar-rinomat Ġan Anton Vassallo (1817–1868). Mingħajr telf ta' żmien, Taylor kiteb u ppubblika librett (150 x 100mm) bit-titolu:

**'IL-CARNIVAL TA' MALTA TAT-TNEIN U GHOXRIN TA' FRAR elf tmien mia u sitta u erbghin'**

Il-librett ġie stampat fl-ANGLU-MALTIA fis-sena 1846. Fih 33 paġna u jinsab illustrat b'erba' stampi[4] li fihom juru n-nies imsawtin mill-pulizija, u l-proċess fil-Qorti tal-Maġistrati. Il-versi huma mqassmin f'erba' partijiet li huma dawn:

*L'AVVIS TAL CARNIVAL*
*IL MASCRI TA NHAR IL HAD*
*IS-SUAT U IL CHEFRIA TAL CONTESTABILI*
*IL KORTI TAL MAGISTRATI*

Kif qal fl-introduzzjoni hu ħass, ta' patrijott li kien, li din kienet ġrajja ta' importanza nazzjonali u kien xieraq li tinkiteb bl-ilsien Malti. Biex tinqara sewwa u ma tgħajjix lil min jaqra, hu ħaseb li jiktibha bħala poeżija u jaħrab kemm jista' jkun dawk il-kelmiet tqal bil-Malti li ftit huma dawk li jafuhom. Lezzjoni interessanti!

Mill-120 strofa li fih il-librett ħsibt li għandi nirriproduċi dawn l-istrofi:

*T' iskfijiet tal protestanti*
*Libsu ħafna u barra iddur :*
*Iħor libbes ħmar fuk carru*
*Biex jarah il gvernatur....*

*Izda f' għib ix-xemx seu seuua*
*Geu it-tnabar għala it-tìr,*
*Maħħom geu ic-cirimelli*
*Chif fil piazza dari jsìr*

*Collha f' dakka kattania*
*Bhala tigri 'l coll bil giuħ...*
*B' dauc il bsaten chiefra taħħom*
*B' herra ħabtu fuk cull ruħ !*

*Bħala liuni vittma għamlu*
*Coll mìn giebu taħt ideihom ...*
*U ghiddmuhom u sautuhom ! !*
*Sa tefgħuhom taħt rigleihom.*

*Fis għal geuua 'l Chistillana*
*Marru imcarcra mal bojjet :*
*Sa biex hem il leil jgħaddu*
*Kalb il chsiħ u id-dlamijiet.*

*Izda fl'aħħar l'Inghilterra*
*Nittamau illi tismagħna ;*
*U Vittoria il Gran Sultana*
*Tibka dejjem tiekaf magħna.*

*U tneħħilna minn giò 'l Gzira*
*Lil dal chiefer gvernatur :*
*Għax jech jibka zmien tuil magħna*
*Collħad minnu jcun maħkur.*

Il-poeżija ta' Taylor hi kritika prinċipalment għall-aġir tal-Gvernatur Stuart, li jissemma ħafna drabi b'ismu. Iżda hemm referenzi għal nies oħra li jridu jiġu identifikati. Fosthom hemm l-ispettur riesaq b'żewġ ġendarmi. Dan ma kienx sempliċi spettur, iżda l-Kap tal-Korp tal-Pulizija, li kif għidna qabel kien jismu Frederick Sedley. Dan kien magħruf bħala "Malcu", kif jidher minn dawn iż-żewġ versi fil-Qorti:

*Kabes Malcu, cap li sbirri*
*Kallu daun ribelli ucoll ! !*

Fix-xena tal-Pjazza tal-Palazz jidħol ukoll l-ajjutant tal-pulizija, li milli jidher kien Oliver W. St. John, li kellu l-kariga ta' First Adjutant:

*Akbdu 'l dac il uiċċ ta ...*
*Beda jgħajjat bħal disprat*
*L'ajutant tal pulizia :*
*Akbduh fis, ħuduh calzrat ! !*

Jissemmew ukoll il-Kurunell, li kien aktarx dak iż-żmien il-Markiż Giuseppe De Piro:

*Il ftit nies li chien hem fadal*
*Chienu jgħassu il Curunel*

u l-maġistrati li quddiemhom tressqu l-arrestati:

*L' aħħar xena ucoll nuricom*
*Bla ma nitlef zmien ta xein ;*
*Tas-sur Harper u is-sur Vella,*
*Zeuġ bniedmìn ma tliet għainein.*

Fost l-arrestati kien hemm il-liberali editur tal-*Malta Mail and United Service Journal*[5]

*Ħadu ucoll bla l'ebda ħniena*
*L'editur tal Malta Mail ;*
*Kalb is-suat u kalb id-dagħa*
*Chellu jgħaddi f' habs il-leil.*

Taylor faħħar lil-Lieutenant Colonel Henry Balneavis[6] li seta' kien bis-saħħa tiegħu li ma nxteridx id-demm:

*F' dac il uakt kalb in-nies deher,*
*Il Maggiur tal piazza ucoll :*
*L'huua 'l curunel Balneavis*
*Biex jsicchet fis lil coll.*

*Fein kalilhom, illi Stuart*
*Ried jgìb l' it-truppi f' hìn,*
*Biex mil piazza bl'azzarini*
*Bilġri jchecci lil Maltìn.*

*Izda hu kadim uisk f' Malta,*
*U il Maltìn hu jafhom seuua :*
*Raggia 'l ħsieb ta Stuart l'ura,*
*U il Main Guard fis daħħal geuua.*

*F' dac il uakt il poplu collu*
*Agħiat għajjat bhalu kad :*
*Viva il Curunel Balneavis !*
*Dan missierna u ghairu had ! !*

*Viva 'l Curunel Balneavis,*
*Viva l'Inghilterra ucoll ! !*
*Għaitu l'aħua għaitu viva :*
*Leħen uiħed viva il coll ! !*

B'dawn il-ħames strofi spiċċat it-tieni taqsima.

## POEZIJA KONTRA L-ARĊIDJAKNU LANZON

Fl-istess sena Taylor ippubblika poeżija oħra ta' 39 strofa fi 12-il paġna bit-titolu "**Id-dispotizmu u l'ingiustizzj fuk Malta imghottijin fil-Parlament bil ħjena.**" Fil-paġna ta' qabel dik tat-titolu kien hemm vinjetta bil-litografija (14 x 12.5 cm) li turi lill-Vigarju Ġenerali Lanzon fuq pultruna lest biex jikteb fuq il-mejda li għandu quddiemu.[7] Fuq il-lemin hemm karikatura ta' raġel li tirrappreżenta lill-Gvernatur Stuart qed jordna lil Lanzon biex jikteb:

*Icteb, u igdeb tant chem tiflah*
*Kal sir Travu lil Mazzun :*

Evidentement "Sir Travu"[8] huwa Stuart, u l-"Mazzun" hu Lanzon, li għandu salib imdendel fuq sidru biex jidher li hu ekkleżjastiku.

Fuq ix-xellug hemm persunaġġ ieħor li donnu għandu ktieb jew kaxxa b'salib fuqha li turi l-Bibbja f'id waħda u baklu f'idu l-leminija. Dan juri li dan hu Isqof, imsejjaħ "Simpel":

*Dan hu 'l premiu kabes Simpel :*
*Icteb fisa, jcun li jcun.......*

Aktarx mela li dan il-persunaġġ hu George Tomlinson, Isqof ta' Ġibiltà. Il-premju li kien jistenna Lanzon kien li jsir Isqof ta' Malta:


Icteb, u igdeb tant chem tiflah
Kal sir *Travu* lil *Mazzun* :
Dan hu 'l premiu kabes *Simpel* :
Icteb fisa, jcun li jcun.......
MINOS.

*U mìn hu dan l' arcidiacnu !*
*Dac li Hankey skih it-tè :*

*Dac li temghu Greig coll hin!!*
*U li uieghdu ucoll il mitra*
*Minn ta iskof tal Maltin ! ! !...*[9]

Hemm miktub taħt it-titolu tal-opuskolu li "Din hi it-tieni edizioni, miktub sabiex ioħroġ il-Gvern ta' giddieb u jekk "Lanzun" ma jgiddbux lill-Gvern bħalu "Nistampawh fit-tielet ctieb". Aktarx li meta Taylor qal "it-tieni edizzjoni", kien qed jirreferi għall-ktejjeb tal-Karnival bħala l-ewwel edizzjoni, u mhux li dak ta' Lanzon ħareġ darbtejn. Filwaqt li dak tal-Karnival ġie stampat mill-Anglo Maltese Press, dan il-ktejjeb ta' Lanzon ma fih ebda isem ta' stampatur fil-paġna tat-titolu.[10]

Il-gideb tal-Gvern li semma Taylor jiġbor fih dak li qal Stuart, kif ukoll dak li ntqal fil-Parlament Ingliż f'Awwissu 1846:[11]

*"X' ghamel Stuart ( ragel ħajjen )*
*Biex jghatti id-dnub fil ħìn !*
*Kal li ghamel mux minn zniedu,*
*Bil cunsens tal kassisìn.*

*Geuua 'l camra minn tal membri*
*Tau seu l'aħħar pinzellata :*
*Seu fit-tlieta minn ta Auuissu*
*Fukna ħleu dich il giurnata.*

Kienu biss ftit mill-membri tal-Parlament Ingliż, fosthom prinċipalment Joseph Hume (1777–1855), li ddefendew lill-Maltin:

*Chif dal gvern ( hem Hume kalilhom )*
*Jichser jigi 'l pattijiet ?*
*Fein dil Gzira mal Brettania*
*B' giurament chellha 'l ueghdiet ! !*

Taylor spiċċa biex qal li kien meħtieġ li l-Maltin kollha jagħmlu petizzjoni li fiha jingħadu l-wegħdiet li kienu ġew imwiegħda, barra li turi b'liema mod il-Gvernaturi kienu jaħqru lill-Maltin.

## KARIKATURA KONTRA STUART U SĦABU

Minbarra żewġ poeżiji ta' Richard Taylor, il-projbizzjoni tal-Gvernatur Stuart tat lok ukoll għall-pubblikazzjoni ta' litografija mdaqqsa (25 x 33cm) li twaqqa' għaċ-ċajt lil Stuart u l-kompliċi tiegħu u fl-istess ħin tagħti l-messaġġ popolari u patrijottiku kontra l-imġiba tagħhom. It-titolu ta' din il-litografija hu T-TIENI JUM TAL CARNIVAL, u matul il-qiegħ tal-folja hemm dawn il-versi:

*Min kad ra carru b'ritratt ta Travu!*
*Lein il hmar harsu, ghaitu fis bravu!!*
*X'jixbhu minn collox, xi nhu ras cbira,*
*X'uidinein gentili igibulech ghira!!!...*
*It-tliet anziani jgholluh seuua,*
*Harsu x'figura ajma xi hleuua!!!*

*Is-signur SEMPEL u il Karghi l cbir*
*Uis-signur EMME l'acbar tliet hmir!!..*
*Ajma dix-xena xinhi Sabiha!*
*Dal hmar ghal Gzira jibka bir-riha....*
*Mela ghal SEMPEL ghal KARGHA ucoll,*
*Flimchien mal'EMME ghaitu ghè 'lcoll!!!*




Bla dubju ta' xejn dawn il-versi kitibhom Taylor u aktarx li l-karikatura ġiet ispirata minnu. Iżda l-istampa mhijiex iffirmata u għalhekk ma nafux min kien il-litografu li għamilha. Il-litografi magħrufa li kienu attivi fl-1846 kienu *Pietro Paolo Caruana (1793–1852), ibnu Raffaele (1820–1886), Michele Bellanti (1807–1883), Tommaso Madiona (1803–1861) Giovanni Schranz (1794–1882), il-familja Brocktorff, u Giovanni Farrugia (1797–1861) li tiegħu nafu biss xi żewġ litografiji.*[12]

Ix-xena hi fi Strada Reale, il-Belt Valletta, ħdejn Piazza Tesoreria, quddiem il-Clarence Hotel li kienet fin-numru 249 Strada Reale (ħdejn il-Casino Maltese).[13] Fuq il-lemin, il-karikatura turi lil Stuart merfugħ fil-għoli, iħares lejn dak li qed jiġri b'teleskopju. Qed iżommuh tliet persuni, 'l-akbar tliet hmir', jiġifieri SEMPEL (l-Isqof Tomlinson), KARGHA (l-Arċidjaknu Lanzon), u EMME (Frederick Sedley),[14] imdawwar b'ħafna pulizjotti li hu kien jikkmanda. L-ewwel tnejn jistgħu jiġu identifikati mill-kliem ta' Taylor stess, iżda l-laqam ta' Sedley ma jidher imkien għalkemm hemm ħafna kundanni tiegħu fil-versi ta' Taylor bħala Kmandant tal-Pulizija.

Il-ħarsa ta' Stuart hi diretta preċiż lejn ir-ras tal-ħmar li qiegħda fil-karru, li skont l-ewwel vers tal-



ewwel strofa hi ritratt ta' Stuart, imlaqqam "Travu". Il-karru hu mmexxi minn żiemel, u barra mill-kuċċier hemm żewġ persuni ħdejn ir-ras ta' ħmar b'kopja tal-ġurnal Malti *L'UNIONE*. Forsi wieħed minnhom hu Taylor stess li fil-versi tiegħu tant saħaq fuq l-għaqda tal-Maltin kontra l-moħqrija. Ħdejn il-karru hemm tliet Maltin juru *LA VOCE DEL POPOLO* u *IL MEDITERRANEO*.[15] Quddiem il-karru hemm parodija tal-bandisti tar-reġiment li daqqew fil-pjazza, bl-istrumenti f'idejhom li ġew imkissrin mill-Maltin. Qed jidderiġihom tifel Malti. Dan kollu apparti dettalji oħra żgħar bħall-ħanut ta' SAIT (sic) ħdejn il-lukanda.

## RICHARD TAYLOR

Ġużè Cassar Pullicino kien kiteb bijografija fuq Taylor u x-xogħlijiet tiegħu.[16] Hu semma t-tliet libretti ta' Taylor fuq il-Karnival tal-1846, jiġifieri ż-żewġ libretti li semmejna hawn fuq u t-tielet wieħed "Il-Mitra jew il-Lixka ta' l-Imzazen". Minn din tal-aħħar hu għażel tliet strofi biex juri kemm Taylor kien iħobb lil pajjiżu u lill-Maltin. Difatti, Taylor ikkundanna bl-aħrax il-ksur tal-weghdiet li kienu saru mill-Ingliżi lill-Maltin, li beda mill-bidu nett meta Sir Alexander Ball, li Taylor isejjaħlu "traditur", qered il-kunsill, jiġifieri l-*Consiglio Popolare*, li tiegħu l-Maltin kienu poġġew bħala President lill-istess Ball fl-imblokk kontra l-Franċiżi.[17]

Cassar Pullicino spiċċa biex qal fuq Taylor li, meta tgħid li għandek tgħid fuqu, issib li jifdal fih qalb taħraq bl-imħabba lejn Malta art twelidu li fuqha ħaseb, dwarha kiteb, u lilha ħolom sabiħa fid-dawl ġdid ta' żmien fil-bogħod li għadu ma żernaqx.

Min kien Taylor? Twieled f'Bormla fil-25 ta' Marzu 1818. Missieru kien Joseph (jew Riccardo)[18] u ommu Giovanna Farrugia. Beda t-tagħlim meta kellu disa' snin għax qabel ma ried jaf b'xejn. Daħal is-Seminarju, iżda ma kompliex. Beda jsiefer, imbagħad ġie lura Malta u tħajjar jibda jikteb xi taqbil u xi kurunelli bil-Malti. Għalhekk intefa' għall-ġurnaliżmu u ppubblika ħafna ġurnali. Wara ħafna avventuri amorużi fl-Eġittu, ġie lura Malta u żżewweġ lil Carmela Triganza. Kien jagħti l-lezzjonijiet tat-Taljan, l-Ingliż, il-Franċiż, u l-Latin.[19] Kien iħoss għall-fqir u għaż-żgħir u kien iħobb l-annimali. Sar magħruf ħafna bħala kittieb tal-Malti. Kien patrijott bla biża' u ħadha l-aktar kontra l-qarrieqa u infami "Kamarilla" ta' dawk li kienu jduru dejjem ma' kull Gvernatur. Kien baqa' ddiżappuntat ukoll mill-Maltin infushom:

*Inħabbel rasi*
*Noħroġ mill-but*
*Patrijott nibqa'*
*U nikteb sa mmut.*

Miet ta' madwar ħamsin sena.



*Endnotes*

1. Patrick Stuart twieled fl-1777, it-tieni tifel ta' Lord Blantyre. Daħal fl-armata fl-1793 u laħaq Kurunell. Sar Ġeneral fl-1851, tliet snin wara li spiċċa minn Gvernatur ta' Malta. Hu kien Skoċċiż. Fl-1810 żżewweġ lil Catherine Henrietta Rodney u kellhom sitt subien u sitt ibniet.

2. Sedley ġie maħtur f'din il-kariga fl-4 ta' Novembru 1844 u spiċċa fil-31 ta' Diċembru 1849. Kien joqgħod fin-numru 10 Strada Stretta, il-Belt Valletta. Meta kien għadu Acting Inspector, iżda fl-1848 kellu residenza fin-numru 10 Strada Mezzodi'. Fl-1 ta' Jannar 1850 it-titolu tiegħu sar ta' Superintendent minflok Inspector. Il-Gvernatur Le Marchant tah il-pensjoni fil-31 ta' Diċembru 1858 għaliex kien sar imdejjen ġmielu.

3. Charles Harper ma kellux lawrja iżda gawda diversi karigi governattivi. Fl-1 t'Awwissu 1826 sar supretendent tal-istamperija tal-Gvern, u kien ukoll editur tal-Gazzetta tal-Gvern. Sar Maġistrat fl-1 ta' Lulju 1839, irtira fid-9 ta' Ġunju 1865 u kkommetta suwiċidju fl-24 ta' Novembru 1874. Ħafna kritika kienet waqgħet fuq is-sentenzi tiegħu. Hu kien imwieled fil-15 t'Awwissu 1790.
Dr Antonio Zammit twieled fis-27 t'April 1793, sar LL.D. fl-1818 u ħa l-ġurament ta' avukat fil-11 ta' Jannar 1819. Sar Maġistrat fl-1 ta' Jannar 1829 u miet fit-2 ta' Jannar 1872. Meta ġew l-Ingliżi, il-Qrati kollha kellhom is-sedi tagħhom fil-*Castellania*. Il-Qrati Ċivili kienu ttieħdu fl-Auberge d'Auvergne fi Strada Reale wara li Sir Thomas Maitland kien għamel ħafna riformi, iżda l-Qrati Kriminali marru hemm biss fl-1853 (ara Albert Ganado, *Law Courts in Valletta, Times of Malta, 28 March 1966, Special Number, pp 39-40*)

4. Dawn l-istampi juru: 1) il-ġemgħa ta' nies quddiem il-ħajt li miegħu kienet twaħħlet l-ordni ta' Stuart; 2) Il-protesta tal-Maltin fil-Pjazza tal-Palazz kontra dik l-ordni, bir-reġimenti armati ħdejn il-Main Guard; 3) Il-pulizija qed jisfrattaw, isawtu, u jarrestaw il-Maltin bir-reġiment iħares fin-naħa tax-xellug; 4) Ix-xena fl-awla tal-Qorti tal-Maġistrati fejn qed issir il-kawża kontra l-arrestati.

5. Il-*Malta Mail* bdiet toħroġ fl-1842 u waslet sal-1856, b'kollox numri 1 – 156. Kien jistampaha u joħroġha Edward Goodenough, 301-302 Strada San Paolo, il-Belt Valletta. Kritika satirika tal-*Malta Mail* tinsab fil-paġni 29-36 tal-librett *A poetical satire on the Journals of Malta: by TYRO,* Malta, 1847.

6. Lt. Col. Henry Balneavis sar *aide-de-camp* tal-Major General Sir Manley Power (Acting Governor) fil-25 t'Ottubru 1820. Fl-1922 l-uffiċċju tal-Inspector General of Police ġie abolit u fil-15 ta' Novembru 1822 Balneavis ġie maħtur fil-post il-ġdid ta' Deputy Inspector General of Police. Fl-1 ta' Frar 1832 hu rtira, l-uffiċċju tiegħu ġie abolit, u floku sar l-uffiċċju ta' Maġistrat tal-Pulizija Eżekuttiva. Iżda bejn it-12 ta' Novembru 1831 u t-22 ta' Mejju 1835 kien assistent temporanju tal-Gvernatur. Fil-15 ta' Diċembru 1846 sar Major General.

7. L-Arċidjaknu Lanzon kien joqgħod fin-numru 5 Strada Vescovo, il-Belt Valletta, flimkien ma' Don Giuseppe, u Francesco Lanzon. Hu kien imexxi d-Djoċesi ta' Malta fl-

aħħar snin tal-Isqof Francesco Saverio Caruana li kien marid. Jirriżulta minn dokumenti uffiċjali li l-ordni ta' Stuart kienet ħarġet bl-approvazzjoni tiegħu. Għalhekk l-attakki ta' Taylor kontra tiegħu. Meta kellu 82 sena, marid u fqir, il-Gvernatur Richard More O'Ferrall (1847–1851) irrakkomanda li tingħatalu pensjoni bħala rikompensa (R. Mifsud Bonnici, *Dizzjunarju Bijo-Biblijografiku Nazzjonali*, Malta, 1960, p.307).

8. Aktarx Taylor ta dan il-laqam lil Stuart mill-proverbju: Kulħadd jaħbi t-travu tiegħu u jara t-traba f'għajn ħaddieħor.

9. Sir Frederick Hankey, G.C.M.G., twieled fl-1784 u miet fit-12 ta' Marzu 1865. Kien is-Segretarju Privat tal-Gvernatur Sir Thomas Maitland, u meta f'Corfù fit-18 ta' Novembru 1818 saret l-ewwel investitura tal-Order of St. Michael and St. George, Hankey mill-ewwel sar membru, kif ukoll Segretarju tal-Ordni, li tagħha spiċċa biex sar Grand Cross. Maitland kien jgħaddi iktar żmien f'Corfù milli f'Malta, u Hankey kien qisu Gvernatur *de facto* ta' Malta. Sar Chief Secretary to Government fit-12 t'April 1824 wara l-mewt ta' Maitland fis-17 ta' Jannar. Ma kien xejn popolari u, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Rjali tal-1836, kellu jirtira fit-2 t'Ottubru 1837. Hu kellu salarju ta' £1,500 fis-sena!
Sir Hector Greig, K.C.M.G., sar Chief Secretary minflok Hankey fit-23 t'Ottubru 1837. Wara li kien okkupa diversi karigi oħra. Spiċċa fl-1 ta' Settembru 1846, kważi seba' xhur wara l-inċidenti tal-Karnival. (ara *Judge Robert Ganado – A history of the Government Departments from 1815 and lawyers from 1666*)

10. The Anglo-Maltese Press kienet diġà teżisti u taħdem fl-indirizz 24 Strada Reale, il-Belt Valletta, fl-1843. F'dik l-istess sena marret 106 Strada Vescovo. Kienet tippubblika l-ġurnal *Osservatore Maltese* (1842–1846) ta' Camillo Mapei, u warajh D. Giuseppe Zammit. Fl-1876 kienet taħdem fin-numru 209 Sda Reale, Valletta.

11. Hansard – Commons Sitting 3 ta' Awwissu 1846.

12. A. Ganado, *Pietro Paolo Caruana: The first lithographs produced in Malta*, M. Buhagiar (ed.) *Proceedings of History Week* 1981, Malta, 1892, pp. 49-60. A Ganado, *From Engraving to Lithography: Zimelli, Farrugia, Bellanti,* M. Camilleri and T. Vella (eds), *Celebratio Amicitiae – Essays in Honour of Giovanni Bonello*, Malta, 2006, pp. 305-326. A. Ganado, J. Schiro', C. Micallef Attard, *The Brocktorff Mapmakers*, Malta, 2012.

13. Il-Clarence Hotel kienet ta' Madame Goubau, lukanda magħrufa sa madwar l-1825. Kellha prezzijiet fissi għall-pranzu u għaċ-ċena, b'ħafna nbejjed tajbin. Kien hemm banjijiet kesħin u sħan il-ħinijiet kollha. Ftit qabel l-1849 saret Dunsford's Hotel.

14. Naħseb li Taylor issellef mill-kelma *simple* bl-Ingliż biex laqqam lil Tomlinson 'Sempel'. Lil Lanzon sejjaħlu 'Kargha' (illum qargħa) fis-sens ta' bniedem injorant. Lil Sedley laqqmu 'Emme' mill-ewwel ittra tal-kelma mdejjen.

15. *La Voce del Popolo* aktarx li ma kinitx gazzetta, iżda forsi xi manifest. *Il Mediterraneo* kien ġurnal fondat fl-1838 minn Carlo Cicognani Cappelli u Tommaso Zauli Sajani, u dam joħroġ sal-1871. Tal-*Unione* ħarġu 133 ħarġa fis-snin 1845 u 1846.

16. Ġ. Cassar Pullicino, op. cit, pp. 114-159.

17. Fl-artiklu tiegħu Cassar Pullicino kien stampa (p. 148) waħda mill-illustrazzjonijiet tal-ktejjeb fuq il-Karnival hawn fuq imsemmi.

18. Skont Guże Cassar Pullicino (Kitba u Kittieba tal-Malti, 1964, p.114) isem missieru fil-fidi batteżimali tniżżel bħala Josephus, iżda fl-Att tal-Mewt numru 560/1868 tar-Reġistru Pubbliku missieru ġie rreġistrat bħala l-mejjet Riccardo Taylor (Estratt uffiċjali maħruġ fl-20 ta' Marzu 2002).

19. Ftit snin wara li daħal f'Malta l-ġuri kriminali, ħareġ ktieb fuq dan bl-isem ta' *Il giurato istruito*. Min kien l-awtur ma fihx. Seta' kitbu Dr (wara Sir) Ignazio Gavino Bonavita. Fih data tal-1832. Iżda interessanti ħafna l-isem ta' min stampah: *LONDRA: dai Torchi di RICCARDO TAYLOR, Red Lion Court, Fleet Street*. Dan kien missier Richard Taylor? Il-ktieb kien bit-Taljan u isem l-istamperija bit-Taljan. Ġie stampat Londra għaliex ma kienx għad hawn il-liġi tal-istampa libera? Allura missier Richard kien stampatur f'Londra?

Nota: L-illustrazzjonijiet huma kollha mill-kollezzjoni ta' Albert Ganado.